# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

**Illum il-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru 2018**

**Kawża Nru: 2**

**Rikors Kostituzzjonali nru: 66 / 10 JA**

**Aluminium Extrusions Limited (C7322)**

**-vs-**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965), Simon Vella għal kull interess li jista' jkollu, u l-Avukat Ġenerali**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fl-10 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet topera fabbrika mill-fond 'Factory HF12', Industrial Estate, Ħal Far u dan sa mill-1986 sat-30 ta' Novembru 2007;

Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet tħaddem madwar 14 impjegati a bażi *'full time'* u kienet tagħmel xogħol fuq l-*aluminium* li kien jiġi esportat lejn pajjiżi esteri;

Illi l-fond fabbrika f'Ħal Far kien mogħti lilha taht titolu ta' kera permezz ta' ftehim li jġib id-data tat-30 ta' April 1987, sussegwentement kien hemm ukoll permess għal okkupazzjoni u wara reġa' kien hemm relazzjoni ta' kera bejn il-partijiet;

Illi s-soċjeta' intimata tħaddem poteri delegati lilha skond it-termini ta' Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar Żgumbrament minn Artijiet u Kapitolu 169 l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet;

Illi fil-ġestjoni u implimentazzjoni ta' tali poteri lilha delegati, is-soċjeta' intimata kienet responsabbli mill-allokazzjoni ta' immobbli pubbliċi lil terzi għall-użu kummerċjali nkluż għall-użu bħala fabbriki;

Illi *inoltre* s-soċjeta' intimata hija wkoll soċjeta' li l-ishma tagħha jappartjenu ukoll lill-Ministeru tal-Finanzi u saħansitra d-diretturi fuq il-bord tad-diretturi ta' din is-soċjeta' huma appuntati mill-istess Ministeru;

Illi fit-22 ta' Diċembru 2006 is-soċjeta' intimata ħarġet ordni kontra s-soċjeta' rikorrenti fejn tagħtha 20 ġurnata mid-data tan-notifika tal-istess ordni sabiex tiżgombra mill-fabbrika li ġġib in-numru HF 12 gewwa l-Qasam Industrijali ta' Ħal Far u tneħħi minn hemm kull oġġett mobbli li jappartjeni lilha;

Illi tali ordni nħarġet taht il-firma ta' Simon Vella, li dak iż-żmien kien Deputat Chairman Eżekuttiv u li skond xiehda li huwa ta quddiem l-assistent ġudizzjarja appuntata mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet "Aluminium Extrusions Limited vs Malta Industrial Parks Limited" (Rikors Numru 77/2008RCP) ikkonferma li kien huwa li ħa d-deċiżjoni dwar l-iżgumbrament tas-soċjeta' rikorrenti mill-fabbrika li kienet allokata lilha;

Illi fil-ġurnata meta nħarġet tali ordni l-istess intimat kien ukoll membru u direttur ta' soċjeta' li kienet iġġib l-isem ta' Notabile Limited u li wara saret tissejjah Notabile Consulting Group Limited (C 21854);

Illi din is-soċjeta' tagħti servizzi ta' konsulenza u assistenza lil terzi sabiex fost affarijiet oħra jibdew joperaw f'Malta nkluż l-mezzi u l-iskemi ta' kif jistgħu jottjenu fabbriki minn fejn huma jistgħu jiġġestixxu l-operazzjoni tagħhom;

Illi dan sar magħruf li s-soċjeta' rikorrenti biss wara s-seduta miżmuma fit-23 ta' Ġunju 2010 quddiem l-assistent ġudizzjarja appuntanta mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-proċeduri fuq imsemmija;

Illi għalhekk il-persuna li ħarġet l-ordni għal żgumbrament fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti u li ppretendiet li teżerċita tali poter kienet ukoll persuna li fin-negozju privat tiegħu kien jgħin u jiffaċilita lil terzi kif jottjenu fabbriki sabiex huma jiftħu n-negozju tagħhom;

Illi b'hekk l-istess persuna filwaqt li qiedgħa teżerċita poter uffiċjali li tiżgombra persuni li jkunu ngħataw fabbriki għall-użu tagħhom, fl-istess hin kienet qiedgħa wkoll fix-xogħol privat tagħha tiffaċilita li terzi jottjenu dawk l-istess fabbriki li fuqhom huwa kellu poter;

Illi tali difett fir-rigward tal-imparzjalita u l-indipendenza li kwalunkwe persuna li tkun qedgħa taqdi poter pubbliku huwa mitlub li jirrispetta fil-qadi ta' dmirijietu wassal sabiex jinnega lir-rikorrenti id-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ċivili billi d-deċiżjoni fil-konfront tiegħu ttieħdet minn persuna li użurpat il-poter sabiex tieħu deċiżjoni ta' żgumbrament liema deċiżjoni ma kinitx tispetta lilha, u *inoltre* ċaħdet lis-soċjeta' rikorrenti mill-fakulta li tkompli tagħmel użu mill-fond taħt it-titolu mogħti lilha mis-soċjeta' intimata u *inoltre* ċaħdet lis-soċjeta' rikorrenti mit-tkomplija tan-negozju tagħha;

Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li ġie vjolat id-dritt tagħha għal smigħ xieraq minn uffiċjali indipendenti u imparzjali kif protett b'artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll ġie vjolat id-dritt tagħha għat-tgawdija ta' proprjeta' kif protett b'artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-ewwel protokoll għal Konvenzjoni Ewropea u dan minħabba l-fatti fuq deskritti u konsegwentement tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni nkluż li tiddikjara l-ordni maħruġa mill-Malta Industrial Parks Limited fit-22 ta' Diċembru 2006 bħala vizzjata u għalhekk nulla, *oltre* l-likwidazzjonita' kumpens rappreżentanti t-telf li għamlet is-soċjeta' rikorrenti u danni oħra kif jiġu pruvati fil-mori tal-proċedura b'konsegwenza tal-aġir tal-intimati.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attrici u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta Malta Industrial Parks Limited ippreżentata fid-29 ta' Novembru 2010 li permezz tagħha ġie eċċepit:

Illi s-soċjeta' esponenti ġiet notifikata bir-rikors tas-soċjeta' Aluminium Extrusions Limited u topponi għat-talbiet għas-segwenti raġunijiet:

Illi fl-ewwel lok, is-soċjeta' rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji tagħha u dan peress li (i) hemm kawżi pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha fl-ismijiet "Malta Industrial Parks Limited vs Aluminium Extrusions Limited" (Rik. Ġur: 1305/2007GCD) u oħra fl-ismijiet inversi (Rik. Ġur: 77/2008RCP) u (ii) qatt ma fittxet li timpunja l-għemil amministrattiv li minnu qed tilmenta issa;

Illi fit-tieni lok, il-jedd tas-soċjeta' rikorrenti għal smigħ xieraq kif sanċit bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma ġie leż bl-ebda mod għaliex l-istess soċjeta' rikorrenti kellha aċċess għar-rimedju ġudizzjarju;

Illi fit-tielet lok, illi l-involviment ta' Simon Vella fi ħdan is-soċjeta' esponenti ma kien bl-ebda mod ta' theddida għall-jeddijiet tas-soċjeta' rikorrenti li wara kollox naqset konsistentement mill-obbligi tagħha u rrendiet il-fond li kienet tokkupa fi stat diżastruż u dan kif se jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fid-29 ta' Novembru 2010 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti min din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti;

Illi għandu jirriżulta mir-rikors odjern li l-istess rikors ġie ppreżentat minn ċertu Raymond Borg;

Illi skont l-*Memorandum and Articles* tas-soċjeta' rikorrenti (li kopja tagħom qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokument 'A') għandu jirriżulta li l-istess Raymond Borg, għalkemm huwa l-Managing Director tas-soċjeta' rikorrenti (*vide* Artikolu 10 tad-dokument esebit), l-istess Raymond Borg kellu jiġi awtorizzat mlll-Bord tad-Diretturi qabel ma jiġu ppreżentati xi azzjoni ġudizzjarja;

Illi in vista ta' dan u anke in via preliminari s-soċjeta' rikorrenti għandha tipprova li dan Raymond Borg fil-fatt ġie hekk awtorizzat sabiex jippreżenta r-rikors odjern għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti;

Illi fin-nuqqas ta' tali prova, din l-Onorabbli Qorti qed tintalab tiddikjara li l-istess Raymond Borg ma kienx awtorizzat li jippreżenta dan ir-rikors u għalhekk għadha tiddikjara dan r-rikors bħala irritu u null *stante* illi ma ġietx segwita l-proċedura li kellha tiġi segwita skont il-ligi;

Illi wkoll mingħajr preġudizzju, għandu jirriżulta li, kif ġie rilevat kemm mill-istess soċjeta' rikorrenti (fejn speċifikat li hemm għaddejja Rikors Numru 77/2008RCP) kif ukoll min dak li ġie rilevat mis-soċjeta' intimata l-oħra, u ċjoe' Malta Industrial Parks Limited fejn fir-risposta tagħha għamlet referenza għar-Rikors Numru 1305/2007GCD fl-ismijiet inversi) r-rikorrenti u l-Malta Industrial Parks Limited qegħdin it-tnejn li huma ngaġġati f'żewġ kawżi li effettivament għadha pendenti u li mingħajr dubju l-eżitu ta' dawn il-kawżi għandu jkollu effett fuq l-ilmenti kif vantati fir-rikors odjern;

Illi mingħajr preġudizzju, in vista ta' dan, qed jiġi umilment sottomess illi l-forum idoneju sabiex jiġi nvestigat ilment simili għal dak odjern huwa l-Ewwel Onorabbli Qorti li qiegħda tittratta l-kawżi fuq msemmija u żgur mhux forum kostituzzjonali bħal dak odjern;

Illi minħabba f'hekk qed jiġi eċċepit illi s-soċjeta' rikorrenti għadha ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji li jeħtieġilhom jiġu eżawriti qabel ma jiġi ntavolat rikors tan-natura bħal dak odjern;

Illi rikors kostituzzjonali huwa biss rimedju straordinarju u żgur ma jistax jiġi permess illi jiġi diskuss jekk effettivament għad hemm pendenti kawżi li l-eżitu tagħhom jistgħu b'xi mod jimpinġu fuq l-kunsiderazzjonijiet li jridu ta' bilfors jittieħdu min din l-Onorabbli Qorti fis-sede odjerna;

Illi mingħajr preġudizzju għandu jirriżulta li l-allegazzjonijiet ntavolati mill-istess soċjeta'rikorrenti huma nfondati *stante* illi l-istess rikorrenti ngħatat l-opportunitajiet kollha sabiex tpoġġi l-każ tagħha qabel ma ttieħdu d-deċiżjonijiet li fil-fatt ttieħdu;

Illi mingħajr preġudizzju, l-esponenti jissottometti illi l-kwistjoni kollha hija effettivament riżultat ta' kwistjonijiet li qamu bejn żewġ 'individwi' privati;

Illi f'dan x-xenarju, ir-rwol tal-Istat huwa biss li jipprovdi l-mezzi kollha skond il-liġi sabiex d-diverġenzi li jirriżultaw bejn l-partijiet jiġu riżolti;

Illi fil-fatt dan id-dmir, qed jiġi umilment sottomess, altru li ġie eżawrit da parti tal-esponenti *stante* li jeżistu l-mezzi kollha ġudizzjarji sabiex dawn d-diverġenzi jiġu mismugħa u deċiżi quddiem forum indipendenti, u ċjoe' l-Qrati tagħna;

Illi f'ebda punt ma jista' l-esponenti jidħol fil-mertu tal-kwistjonijiet li hemm bejn l-partijiet l-oħra, *stante* li kieku kellu jagħmel hekk ikun ifisser li jkun indħil gratwit u mhux awtorizzat fil-liberta' tal-persuni nvoluti;

Illi in vista tas-suespost u in vista ta' kull sottomissjoni u / jew prova li jistgħu jinġiebu quddiem din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti

umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Avukat Ġenerali u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ġunju 2018 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezzjonijiet tal-intimata Malta Industrial Parks huma fis-sens illi r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji disponibbli għaliha, anzi fil-fatt kienu ġja' pendenti vertenzi oħrajn bejn il-partijiet. Għalhekk għalkemm mhux imsemmi testwalment, l-intimata qed tirreferi għall-poter li tagħti lill-Qorti f'kawżi kostituzzjonali l-istess Kostituzzjoni illi tiddeklina li tkompli tisma' l-kawża jekk jeżistu rimedji oħra għar-rikorrenti.

Il-proviso in kwistjoni mill-intimati jgħid eżattament hekk: *"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi oħra."* (46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta).

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

a. *Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

b. *Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

c. *Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

d. *Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

e. *Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

f. *Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li *"meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni."* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *"komplessa"* jiżdied il-kliem *"jew inkella imħallta."*

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li fuq l-iskorta ta' dawn is-sentenza għandha tiddeċiedi li ma tkomplix tisma' l-kawża. L-ewwelnett għandu jingħad li hija għandha ċerta diskrezzjoni, dipendenti fuq il-komplessita tal-każ. Meta huwa ċar li r-rikorrenti kellu rimedju ieħor iżda jippreferi jmur mill-ewwel quddiem din il-Qorti, anke din il-Qorti kif preseduta, kellha okkażjoni tagħmel użu minn din id-diskrezzjoni; ara s-sentenzi **"Salvatore Borg vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"** (31 ta' Mejju 2010) , **"Wahid Mohammed Samir vs Prim Ministru et"** (28 ta' Novembru 2008) u **"Mouad Mabrouk vs Ministru tal-Ġustizzja et"** (4 ta' Frar 2009).

Illi f'dan il-każ pero', hemm fattur iehor importanti u ċjoe' li l-kawżi in kwistjoni ġew deċiżi kontra r-rikorrenti (għalkemm hemm talba għal ritrattazzjoni) u allura s-sitwazzjoni nbidlet minn meta ġiet istitwita l-azzjoni u *oltre* dan l-ilment tar-rikorrenti huwa kemmxejn differenti minn dawk tal-kawżi in kwistjoni għalkemm dejjem jilmentaw mill-mod kif ġew żgumbrati mill-fabbrika msemmija.

Għalhekk il-Qorti se tirrifjuta li teżerċita d-diskrezzjoni akkordata lilha taħt il-proviso msemmi u se tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża quddiemha.

Illi l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali dwar ir-rappreżentanza tar-rikorrenti f'din il-kawża hija sorvolata mill-preżentata tad-dokumenti esebiti minnha fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2018 minn

fejn jirriżulta li Dr Raymond Borg kien awtorizzat jippreżenta l-atti f'isimha.

Il-lanjanza prinċipali tar-rikorrenti hija li l-intimat Vella, dak iż-żmien uffiċjal għoli tal-intimata kien ukoll f'soċjeta' kummerċjali li kienet tagħti konsulenza biex kumpaniji oħra ikunu assenjati fabbriki; jargumentaw allura li seta' kellu interess jiżgombrahom. Naturalment l-istess Vella ċaħad li dan b'xi mod impinġa fuq il-kariga tiegħu mas-soċjeta' intimata, għalkemm ammetta li kellu wkoll involviment f'din is-soċjeta'.

Il-Qorti wara li semgħet il-provi ma jidhrilhiex li r-raġuni li r-rikorrenti ġew żgumbrati kellha b'xi mod konnessjoni mal-kariga ta' Simon Vella fis-soċjeta' in kwistjoni, anke jekk wieħed jifhem is-suspetti li jqanqlu dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet. Mhux sewwa għall-inqas għall-perċezzjoni pubblika li uffiċjal ta' awtorita' pubblika jew kważi pubblika jkollha interessi oħra estranji għal dawk tal-korporazzjoni jew entita' in kwistjoni. Madankollu l-kawżi ma jiġux deċiżi fuq perċezzjonijiet iżda fuq provi u fil-każ in eżami jidher ċar li l-iżgumbrament in kwistjoni, anke kif irriżulta fil-kawżi li hemm riferenza għalihom aktar qabel, saru minħabba nuqqasijiet serji tas-soċjeta' rikorrenti. Fil-fatti rriżulta li l-fabbrika għadha sallum vojta u ħadd ma gawda mill-iżgumbrament tar-rikorrenti.

## DEĊIŻJONI

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimati u tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**